# STATUT BAŻIKU

# GĦALL-FRATELLANZI

## Appendiċi I

## Il-Formazzjoni tal-Fratelli

---

Segretarjat għall-lajċi

Arċidjoċesi ta' Malta

**STATUT BAŻIKU GĦALL-FRATELLANZI**
**APPENDIĊI I**
**IL-FORMAZZJONI TAL-FRATELLI**

**KONTENUT**


1. Daħla
2. Il-Fratellanzi, ir-Reliġjożita tal-Poplu u l-Festi
3. Il-Fratellanzi bħala Assoċċjazzjonijiet Ekkleżjali
4. Il-Fratellanzi u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali
5. Il-Ħtieġa tal-Formazzjoni fi ħdan il-Fratellanzi
6. Id-Dokumenti tas-Sinodu Djoċesan u l-Formazzjoni
7. Stedina biex nissaħħu fil-Valuri li jpoġġi quddiemna s-Sinodu
   - 7.1. Evanġelizzazzjoni
   - 7.2. Komunjoni
   - 7.3. Formazzjoni
   - 7.4. Djalogu
   - 7.5. Qadi
   - 7.6. Solidarjeta
8. Formazzjoni marbuta mas-Sena Ligurġika
9. Formazzjoni marbuta mal-Qima lejn l-Ewkaristija barra l-Quddiesa
10. Formazzjoni marbuta mas-Sejħiet tal-Fratellanzi
11. Emendi għal Appendiċi I anness ma' l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi


*Dan id-dokument, li jagħmel parti mill-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi, hu approvat mill-Awtorita tal-Knisja ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta permezz ta' Digriet data 13 ta' Settembru 2006.*

Daħla

Il-formazzjoni tal-Fratelli għandha tkun mibnija fuq il-Kotba Mqaddsa, fuq it-Tagħlim tal-Knisja Universali, l-aktar id-Dokumenti tal-Konċilju Vatikan II u tal-Papiet, u d-Dokumenti tas-Sinodu Djoċesan 1999-2003 bħala espressjoni tat-tagħlim tal-Knisja f'Malta.

Dan id-dokument fih ġabra ta' referenzi mid-Dokumenti tas-Sinodu Djoċesan. Għandu jservi ta' dokument bażi għall-ħidma b'risq l-aġġornament u t-tisħiħ tal-Fratellanzi. Għandu wkoll iservi bħala gwida ġenerali għall-ippjanar u l-ħolqien tal-laqgħat ta' formazzjoni għall-membri tal-Fratellanzi. Dan id-dokument għandu jinqara bħala parti mill-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi.

Il-Fratellanzi, ir-Reliġjożita' tal-Poplu u l-Festi

Il-Fratellanzi llum inħarsu lejhom l-aktar bħala li huma marbutin ħafna maċ-ċelebrazzjoni tal-festi, u hekk huma marbutin ukoll mar-reliġjożita' tal-poplu. Fl-istess waqt irridu nirrikonoxxu li madwar il-festi fil-parroċċi nibtu ħafna firdiet, ħafna drabi anke qawwijin.

Biex il-Fratellanzi jkunu jistgħu jsiru strument utli lejn il-fejqan ta' dawn il-firdiet, iridu jsiru għażliet fundamentali mill-istess Fratellanzi. Dan jitlob li l-Fratelli msieħbin fil-Fratellanzi jirċievu formazzjoni reliġjuża serja. Inkella jkunu huma stess strumenti tal-firda.

Is-Sinodu, meta tkellem dwar il-firdiet fil-festi u r-reliġjożita' tal-poplu, kien speċifiku fid-direzzjoni li rridu nieħdu bħala Knisja:

"B'kuraġġ u b'konvinzjoni, Knisja profetika tkompli tgħallem bil-fatti li l-festi għandhom ikunu ċelebrazzjonijiet li jgħaqqdu u mhux jifirdu. Il-Knisja, waqt li tistma l-valuri pożittivi tar-reliġjożita' popolari, timpenja ruħha fl-edukazzjoni tal-komunita' nisranija biex din ir-reliġjożita' ssir dejjem iżjed espressjoni ta' fidi vera." *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni 49*



"Ir-reliġjożita', li għal sekli sħaħ sawret l-identita' Maltija, għadha qawwija fil-poplu. Ir-reliġjożita' hi riżorsa immensa għax fuqha jista' jieħu l-ħajja l-messaġġ evanġeliku. Imma biex iseħħ dan, ir-reliġjożita' trid titnissel mill-fidi u tkompli tiżviluppa f'fidi - fidi f'Ġesu' Kristu li jibdillek ħajtek mill-qiegħ." *Lajċi Nsara 17*

"Minbarra l-liturġija tas-Sagramenti u tas-sagramentali, irridu nqisu wkoll id-devozzjonijiet popolari li jinsabu fost l-insara Maltin. Is-sens reliġjuż tal-poplu Malti, f'kull żmien, ġie mfisser minn ħafna devozzjonijiet popolari bħalma huma l-venerazzjoni tar-relikwi, iż-żjajjar lis-santwarji, il-pellegrinaġġi, il-purċissjonijiet, il-via sagra, ir-rużarju, il-kurunelli, in-noveni u l-bqija. Dawn żdiedu mal-ħajja sagramentali tal-Knisja.

Jista' jinħass li f'xi ambjenti d-devozzjonijiet popolari tingħatalhom importanza aktar mil-liturġija tal-Knisja. F'każijiet bħal dawn, irid isir eżami ta' l-azzjoni pastorali. Jista' jkun li l-Liturġija, f'dawn il-każi, ma baqgħetx il-quċċata li lejha tersaq il-ħidma tal-Knisja kif ukoll l-għajn li minnha ġejja kull qawwa tagħha, imma saret espressjoni ta' kult li l-poplu ma jifhimhiex għax ma taqbilx mal-kultura tiegħu, bil-konsegwenza li ssir azzjoni sekondarja jew saħansitra titwarrab u titħalla barra." *Liturġija u Sagramenti 53*

Il-Fratellanzi bħala Assoċjazzjonijiet Ekkleżjali

L-Eżortazzjoni Appostolika *Christifideles Laici* ssemmi, fil-paragrafu 30, ħames kriterji dwar l-ekkleżjalita' ta' l-assoċjazzjonijiet tal-lajċi:

(i) il-vokazzjoni għall-qdusija u għat-tagħlim nisrani;
(ii) l-istqarrija tal-fidi Kattolika;
(iii) ix-xhieda ta' għaqda sħiħa u konvinta mal-mexxejja tal-Knisja;
(iv) il-qbil u l-parteċipazzjoni fl-għan appostoliku tal-Knisja, jiġifieri l-evanġelizzazzjoni u l-qdusija tal-bnedmin; u
(v) l-impenn tal-preżenza fis-soċjeta' umana f'servizz għad-dinjita' integrali tal-bniedem.

Tajjeb li kull Fratellanza tagħmel dixxerniment tagħha nfisha skond dawn il-kriterji. Il-laqgħat ta' talb, irtiri, *seminars*, korsijiet, sehem fil-liturġija u inizjattivi oħra simili juru li hemm ċerta attenzjoni għall-qdusija u għall-formazzjoni. (ara *Lajċi Nsara 31*)

Il-Fratellanzi u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali

Is-sħubija tar-rappreżentanti tal-Fratellanzi fil-KPP, kif regolata mill-artiklu 19.7 ta' l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi, titlob li għal dan il-għan Fratellanza trid tkun rikonoxxuta bħala waħda mill-Għaqdiet fi ħdan il-parroċċa. Dan ir-rikonoxximent jingħata mill-Kappillan, wara li jisma' l-parir tal-KPP, u għandu jitqies fuq kemm il-Fratellanza toffri programm ta' formazzjoni għall-fratelli membri, u kemm twettaq ħidma pastorali marbuta mas-sejħa tagħha, bħala parti mill-programm pastorali tal-parroċċa.

Is-Sinodu jagħmel ukoll referenza għar-relazzjoni bejn l-Għaqdiet u l-Kunsilli Pastorali Parrokkjali:

"L-Għaqdiet u l-Movimenti tal-parroċċa huma għajn ta' enerġija mill-aktar importanti għall-kunsill. Għaldaqstant il-kunsill għandu jfittex li jsaħħaħ dawn l-assoċjazzjonijiet. Dan jista' jsir billi jagħraf u jsostni l-ħidma tagħhom." *Lajċi Nsara 71*

Il-ħtieġa tal-Formazzjoni fi ħdan il-Fratellanzi

Is-Sinodu jagħmel enfasi wkoll dwar il-ħtieġa li tingħata formazzjoni tajba:

"Din il-formazzjoni trid tkun, qabel xejn, waħda spiritwali. Il-formazzjoni spiritwali għandha post privileġġjat f'dan ir-rigward. Dan ifisser li din il-miżura trid tkun fuq nett ta' l-aġenda tal-Knisja, ta' l-assoċjazzjonijiet lajkali u ta' kull individwu." *Lajċi Nsara 58*

"Biex tinħall il-problema ta' żbilanċ jew tensjoni bejn il-liturġija u s-suriet ta' tjieba, għandha tingħata formazzjoni tajba lill-kleru u lil-



lajċi. Il-formazzjoni liturġika hija meħtieġa, u mal-bidla taż-żminijiet trid titqawwa u tibqa' ssir b'metodi dejjem ġodda. Flimkien magħha, jinħtieġ li dejjem tibqa' tingħata forma ġdida lid-devozzjonijiet popolari biex ikunu ta' ġid spiritwali għall-istess liturġija.

Kull xorta ta' pjeta' nisranija, qadima u ġdida, tiswa skond kemm jidher l-ispirtu bibliku, għax ma jistax ikun hemm talba nisranija jekk b'mod dirett jew indirett ma tkunx imnebbħa mill-Iskrittura. Irid jidher ukoll l-ispirtu liturġiku, għax id-devozzjonijiet għandhom ifakkruna u jħeġġuna għall-misteri ċċelebrati fl-azzjonijiet liturġiċi." *Liturġija u Sagramenti 54*

Id-Dokumenti tas-Sinodu Djoċesan u l-Formazzjoni

Id-dokumenti tal-Sinodu Djoċesan 1999-2003 għandhom jgħinu biex tingħata din il-formazzjoni b'mod li l-Fratelli jingħataw dehra attwali tal-Knisja f'Malta llum:

"Id-dokumenti fihom tagħlim mitqlu deheb, li jiswa għall-formazzjoni ta' kull nisrani u nisranija f'Malta. Id-dokumenti jagħmlu stedina lil kulħadd biex din il-formazzjoni tittieħed dejjem aktar b'serjeta' kbira. Jitolbu qabża fil-kwalita' ta' din il-formazzjoni." *Il-Kuntest Malti - preżentazzjoni*

Stedina biex nissaħħu fil-Valuri li jpoġġi quddiemna s-Sinodu

Temi għal formazzjoni bażika mportanti huma l-valuri fundamentali li ħarġu mis-Sinodu Djoċesan. Formazzjoni reliġjuża f'dawn il-valuri għandha tgħin biex il-Fratelli jagħrfu verament jagħmlu l-għażla ta' Alla f'ħajjithom. Fil-messaġġ tiegħu waqt Ċelebrazzjoni Djoċesana tal-għeluq tas-Sinodu Djoċesan, fil-Vġili ta' Għid il-Ħamsin, quddiem il-Katidral ta' l-Imdina, nhar is-Sibt 7 ta' Ġunju 2003, Mons. Arċisqof qal:

"L-akbar frott tas-Sinodu fil-ħajja tal-Knisja huma l-valuri sbieħ li għexna flimkien, li wrew kemm il-Knisja f'Malta hi Knisja ħajja, dinamika, demmha jbaqbaq bl-imħabba lejn Kristu u lejn il-bniedem

u fl-istess waqt f'mixja ta' konverżjoni, ta' tisfija, ta' tiġdid. F'dan is-sens, is-Sinodu hu nixxiegħa ta' ħajja ġdida. Is-Sinodu wasal għal sitt għażliet fundamentali ta' valuri mibnija fuq il-Kelma ta' Alla u fuq il-ħtiġijiet tal-bniedem u tas-soċjeta' ta' llum, b'enfasi speċjali fuq il-familja u ż-żgħażagħ. Dawn il-valuri ħarġu mill-ħidma tal-Assemblea tas-Sinodu. Nixtieq nipproponihom lilkom ilkoll, biex imexxuna għas-snin li ġejjin.

Evanġelizzazzjoni

"Il-Knisja f'Malta, frott tas-Sinodu, għandha tintefa' b'ruħha u b'ġisimha f'evanġelizzazzjoni ġdida. Xi tfisser "ġdida"? Jispjega l-Papa Ġwanni Pawlu II: m'hijiex ġdida għax jinbidel l-Evanġelju, hu l-istess Evanġelju li aħna rridu nxandru fis-snin li ġejjin. Imma ġdida f'espressjonijiet ġodda, f'metodi ġodda u f'entużjażmu ġdid. Din hi l-ewwel sejħa tas-Sinodu: ejjew nagħrfu din il-missjoni li għandna: li nwasslu l-Aħbar it-Tajba b'espressjonijiet ġodda u b'ħeġġa ġdida f'pajjiżna u nagħtu xhieda tagħha kemm fostna kif ukoll fl-Ewropa u fid-dinja.

Komunjoni

"Valur importanti ħafna fis-Sinodu u li aħna lkoll mistiedna li ngħixuh b'mod aktar qawwi hu l-valur tal-komunjoni. Xi tfisser komunjoni? Hi l-għaqda tagħna ma' Alla, li mbagħad turi ruħha b'mod qawwi fl-għaqda tagħna ma' xulxin. Komunjoni tfisser li meta nħarsu lejn l-oħrajn jaraw fina l-wiċċ ta' aħwa, li nixtiqulhom il-ġid, li qalbna miftuħa għalihom. Tfisser li nieqfu lill-ħajriet egoistiċi ta' ġewwa fina, li jġegħluna niġbdu lejna, u li jħajruna għall-għira u għall-isfiduċja; u nibnu ambjent fejn inkunu lkoll ħaġa waħda, aħwa fi Kristu.

Formazzjoni

"Is-Sinodu jisħaq fuq il-ħtieġa ta' formazzjoni. Aħna lkoll - saċerdoti, reliġjużi u lajċi - irridu nieħdu bis-serjeta' l-formazzjoni permanenti



tagħna. Formazzjoni fiex? Qabel xejn fl-ispirtu ta' Kristu, biex aħna nistgħu nkunu, bħal Kristu, dawl għall-bnedmin l-oħra; għalhekk trid tkun formazzjoni li tfisser konverżjoni, bidla fil-qalb biex insiru nixbhu aktar lil Kristu. Formazzjoni wkoll fit-tagħlim awtentiku tal-Knisja li hu gwida tant meħtieġa fis-soċjeta' ta' llum. Il-formazzjoni tgħinna naffaċċjaw l-isfidi ġodda fil-ħajja ta' llum.

Djalogu

"L-ispirtu ta' djalogu, li lkoll għexna b'mod ħaj tul iż-żmien tas-Sinodu, irid ikun spirtu li janima l-Knisja f'Malta, u kull komunita' fi ħdanha. Id-djalogu ngħixuh billi nagħrfu nisimgħu lil xulxin, fi stima ta' xulxin, u nagħtu l-kontribut tagħna bis-sinċerita'. Hu b'hekk biss li nistgħu noħolqu komunitajiet li jkunu qed jagħtu xhieda importanti lis-soċjeta' Maltija. Id-djalogu ngħixuh ukoll mal-kultura ta' llum u fil-qafas tar-realtajiet ġodda ta' llum u tas-snin li ġejjin.

Qadi

"Frott is-Sinodu, il-Knisja f'Malta trid tkun Knisja li taqdi. Din il-karatteristika tal-Knisja tul iż-żminijiet, u għalhekk fis-snin li ġejjin irridu nkomplu nsaħħu fostna dan l-ispirtu ta' servizz, fejn infittxu dejjem mhux li jaqduna imma li naqdu, fuq l-eżempju ta' Kristu. L-imħabba tagħna trid tissarraf fi spirtu ta' qadi għal kulħadd, speċjalment dawk li huma l-aktar fil-bżonn, u f'ħidma għal soċjeta' aktar ġusta.

Solidarjeta'

"Għażla oħra importanti tal-Knisja f'Malta li toħroġ mis-Sinodu u li trid turi ruħha dejjem aktar fis-snin li ġejjin hi s-solidarjeta' li tfisser attenzjoni għall-imbegħdin u għall-emarġinati. Kull ħidma li saret fis-Sinodu ma kinetx intenzjonata biss għal dawk li diġa' huma attivi fil-komunita' nisranija; imma wkoll u b'mod partikolari għal dawk li tbegħdu, għal xi raġuni jew oħra, u għal dawk li fis-soċjeta' jħossuhom maqtugħin għalihom. Bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Alla, il-

Knisja trid tilħaq lil dawn u tgħinhom iħossuhom f'darhom fi ħdan il-komunita' nisranija. Hu l-istess spirtu ta' Kristu, li ġie qabel xejn għal dawn in-nies. Ejjew noħolqu komunitajiet fejn kulħadd iħossu milqugħ b'imħabba."

Formazzjoni marbuta mas-Sena Liturġika

Il-formazzjoni tingħata tul is-Sena Liturġika, u għalhekk jagħmel sens illi, minbarra r-raġuni tal-fatt illi fil-liturġija l-Knisja tiċċelebra dak li temmen, din il-formazzjoni tkun marbuta mas-Sena Liturġika, kif wkoll ma' festi ċċelebrati mill-Fratellanza jew mill-parroċċa. Is-Sinodu, waqt li jagħmel referenza għaċ-ċelebrazzjonijiet tul is-sena, jgħid:

"Hija u tiċċelebra kull sena l-Misteru ta' Kristu, il-Knisja Mqaddsa tivvenera b'imħabba speċjali l-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla, li ngħaqdet ma' Binha f'rabta li ma tinħall qatt fl-opra tas-salvazzjoni. Imbagħad meta l-Knisja kull sena tagħmel it-tifkira tal-martri u tal-qaddisin l-oħra, hija tkun ixxandar il-misteru tal-Għid f'dawk li mxew wara Kristu, batew miegħu u ġew igglorifikati flimkien miegħu, u turihom lill-insara bħala eżempji." *Liturġija u Sagramenti 17*

Formazzjoni marbuta mal-Qima lejn l-Ewkaristija barra l-Quddiesa

Id-dokumenti tas-Sinodu jagħmlu referenza għall-formazzjoni li tingħata b'rabta mal-qima lejn l-Ewkaristija barra l-quddiesa:

"Biex l-insara jersqu aktar għall-adorazzjoni fis-skiet ta' l-Ewkaristija, *fost l-oħrajn,* jixraq li tingħata aktar importanza lill-purċissjoni ta' Corpus u tal-Qalb ta' Ġesu', u l-jiem tal-kwaranturi. Dawn l-okkażjonijiet iridu jidhru bħala manifestazzjoni tal-fidi ta' l-insara fl-Ewkaristija; u att ta' qima lil Kristu preżenti taħt l-ispeċi tal-ħobż u l-inbid.

"Fejn f'parroċċa, barra l-knisja parrokkjali, hemm knejjes oħra, l-aktar tar-reliġjużi, m'għandhomx isiru fl-istess okkażjoni purċissjonijiet miż-żewġ knejjes (bħal f'Corpus u l-Qalb ta' Ġesu'). Ta' min jinkuraġġixxi li, fejn dan jgħodd, ċerti purċissjonijiet jkunu organizzati mill-parroċċi tal-viċin flimkien.

"Dan kollu għandu jgħin biex il-parroċċi u komunitajiet insara oħra jkunu dejjem aktar skejjel ġenwini ta' talb. Għandha tingħata importanza kbira lill-edukazzjoni fit-talb u lill-ħolqien ta' klima ta' talb fil-parroċċi u komunitajiet oħra." *Liturġija u Sagramenti 35*

10. Formazzjoni marbuta mas-Sejħiet tal-Fratellanza

Appendiċi II anness ma' l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi jagħti lista tas-sejħiet u tal-ħidmiet tal-Fratellanzi. Fih hemm imsemmija kemm is-sejħiet tradizzjonali, kif ukoll ħidmiet partikolari marbuta ma' l-istess sejħiet. Kull Fratellanza għandha tagħmel ħilitha biex tiskopri x'kienet is-sejħa oriġinali tagħha ta' meta kienet imwaqqfa. Għandha taġġorna din is-sejħa tagħha, u dan dejjem b'rabta mad-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan u mat-tagħlim uffiċjali tal-Knisja.

Emendi għal Appendiċi I anness ma' l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi

Dan l-Appendiċi I anness ma' l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi hu approvat mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta u jista' jiġi emendat biss mill-istess Awtoritajiet Ekkleżjastiċi.